**NOMINA TA' DOTT. AARON FARRUGIA GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA, MHUX RESIDENTI GĦALL-ORGANIZZAZZJONI MARITTIMA INTERNAZZJONALI**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. Tista' jekk jogħġbok tispjega l-kredenzjali u telabora fuq l-esperjenza tiegħek fil-qasam marittimu?

   Bejn l-2013 u l-2017 servejt bħala Kap Eżekuttiv tal-korporazzjoni għal Port Ħieles. Il-Korporazzjoni għandha rwol regolatorju u matul dawk is-snin stajt insaħħaħ il-fehma tiegħi kemm pajjiżna għandu potenzjal fil-qasam marittimu mibnija fuq il-pożizzjoni ġeo-strateġika tagħna bejn il-Ġibiltà u l-Kanal ta' Suez u li għaldaqstant ipoġġina ftit mili nawtiċi mir-rotta internazzjonali.

   Matul dawk is-snin ħdimt viċin mal-entitajiet privati, jiġifieri Freeport Terminals, Medserv u OilTanking biex insaħħu u nimmassimizzaw il-potenzjal tagħna, naċċertaw is-sigurtà tal-ħaddiema u tal-bastimenti li jżuru pajjiżna l-ħin kollu. Fuq kollox ridna wkoll naċċertaw li aħna konformi mal-liġijiet internazzjonali għall-portijiet u nippromwovu r-rwol ta' Malta bħala Transhipment Hub.

   Inħtart ukoll bħala membru fl-Integrated Maritime Forum mill-Ministru responsabbli mis-settur Marittimu. Bejn l-2020 u l-2022 ukoll missejt mal-qasam marittimu bħala Ministru responsabbli mill-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima kemm għaliex il-Ministeru kellu rwol li jipproteġi l-ibħra u l-bajjiet tagħna iżda wkoll biex insaħħu l-ġlieda tagħna għat-tibdil fil-klima, plastic u l-microplastics.

   Bejn l-2022 u l-2024 bħala Ministru responsabbli mit-Trasport u allura l-Marittimu, ħdimt direttament ma' stakeholders lokali fosthom il-Malta Maritime Forum, il-Malta Maritime Law Association, l-International Maritime Law Institute u l-kumpaniji lokali biex nippromwovu lil Malta f'dan il-qasam, insaħħu l-pożizzjoni ta' pajjiżna f'dak li hu r-reġistru tal-bastimenti, f'fora internazzjonali fosthom l-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima filwaqt li mraħna f'niċeċ ekonomiċi relattivament ġodda fosthom bit-twaqqif tal-ewwel policy paper nazzjonali għas-super-yachts f'Malta.

   Ħafna drabi kont inkun kelliem f'konferenzi organizzati mill- Kummissjoni Ewropea jew mill-European Community Shipowners Association u l-European Maritime Safety Agency.

2. Kif tiddeskrivi l-irwol ta' Ambaxxatur mhux Residenti għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali? Kif tara li permezz tax-xogħol tiegħek bħala Ambaxxatur mhux Residenti jistgħu jitjiebu r-relazzjonijiet bejn Malta u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali?

   Ir-rwol ta' Ambaxxatur hu li jirrappreżenta u jwassal il-pożizzjoni ta' pajjiżu fil-pajjiż li qiegħed iservi fih u viċi versa, jiġifieri li jwassal lil pajjiżu aħbarijiet u informazzjoni minn fejn qiegħed iservi. F'dan il-każ qed nitkellmu dwar Istituzzjoni Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti li tinsab f'Londra u li għandha rwol speċifiku li tissalvagwardja l-ibħra mit-tniġġiż u fuq kollox li tħares is-sigurtà tal-industrija marittima fosthom vapuri u bċejjeċ tal-baħar.

Għaldaqstant, l-irwol tiegħi se jkun li nwassal il-pożizzjoni Maltija fil-fora u fil-laqgħat tal-IMO u jkolli relazzjoni b'saħħitha mat-tmexxija iżda wkoll ir-rappreżentanti ta' pajjiżi oħra.

Malta għandha rwol b'saħħtu ħafna fid-dawl tal-popolarità tar-reġistru tal-bastimenti u l-bandiera Maltija u għaldaqstant il-ħidma hi importanti ħafna.

3. B'relazzjoni maż-żewġ mistoqsijiet ta' qabel, kif tara li l-esperjenza tiegħek tas-snin li għaddew tista' tgħinek sabiex tkun Ambaxxatur denju għal pajjiżna fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali?

   Fl-aħħar sentejn kelli l-opportunità li naħdem direttament ma' din l-istituzzjoni u fuq kollox mas-Segretarju Ġenerali uxxenti Kitak Lim. Riċentament ġie elett Segretarju Ġenerali ġdid li diġà sirt nafu iżda nemmen li ir-relazzjoni ta' Malta miegħu trid tinbena fuq l-istess binarji li nbniet mal-predeċessur tiegħu.

   Attendejt u pparteċipajt f'numru ta' konferenzi fejn iltqajt ma' rappreżentanti oħra tal-IMO u għaldaqstant diġà għandi konoxxenza tan-nies u tal-Istituzzjoni. Fuq kollox però biex isservi tajjeb f'dan ir-rwol jeħtieġ tifhem l-importanza tas-settur marittimu għal Malta, il-bidliet kbar li hemm fosthom id-dikarbonizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-industrija, ix xejriet ġeo-politici u sfidi oħra.

   Biex nagħmel dan jeħtieġ inkun viċin l-industrija Maltija u għaldaqstant l-organizzazzjonijiet li semmejt hawn fuq flimkien mal-Awtoritajiet Maltin se jtuni l-għodda biex inservi bl-aħjar mod possibbli.

4. Kif tara li evolva s-settur marittimu fis-snin li għaddew?

   Kemm f'Malta, fil-Mediterran u anke fuq livell internazzjonali, is-settur Marittimu qed jevolvi b'rata mgħaġġla ħafna u dan għaliex kif spjegajt, il-bidliet mhumiex biss fid-dawl ta' metodi u prattiċi innovattivi iżda fuq kollox għax l-industrija qed tiġi diġitalizzata filwaqt li fid-dawl tal-isforzi internazzjonali biex nimmitigaw l-impatt tat-tibdil fil-klima, hemm mewġa ta' azzjonijiet biex l-istess industrija tiġi dikarbonizzata.

   Dawn huma bidliet kbar ħafna akkumpanjati ma' inċidenti mhux mistennija bħal dik tal-bastiment Erika u żviluppi ġeo-politiċi bħal dak li qed naraw fil-baħar l-aħmar jew sanzjonijiet fuq pajjiżi bħal dawk li bħalissa hemm fuq ir-Russja.

   Il-vantaġġ li dejjem kellu pajjiżna, lil hinn mill-pożizzjoni ġeo-strategika fil-Mediterran u ħaddiema bl-aqwa ħiliet u l-aqwa talenti, kien li l-partiti politiċi dejjem ikkoperaw u mbuttaw l-istess direzzjoni u dan wassal biex gvern wara ieħor, id-direzzjoni tal-pajjiż tibqa' l-istess u allura l-fattur importanti ħafna tal-istabbilità għall-industrija.

5. Xi sfidi qiegħed tara fil-preżent u għaż-żmien li ġej, u kif taħseb li jistgħu jingħelbu? Tara li l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali għandha xi rwol partikolari quddiem dawn l-isfidi?

   L-isfidi huma kbar iżda daqstant ieħor huma l-opportunitajiet. Pajjiżna dejjem għaraf jantiċipa l-isfidi u għax dejjem għamel hekk - dawwar l-istess sfidi f'opportunitajiet u

għall-vantaġġ tiegħu fuq oħrajn. Kif spjegajt, l-isfida tal-innovazzjoni li qed tkompli tevolvi b'rata mgħaġġla ħafna akkumpanjata mad-diġitalizzazzjoni tal-industrija.

Dak li għexna fl-aħħar ħamsin sena hu totalment differenti mill-industrija ta' għada u pit għada. Sfida kbira oħra hi d-dikarbonizzazzjoni tal-Industrija fosthom l-implimentazzjoni tal ETS Maritime li għal Malta u portijiet oħra fil-Mediterran se ġġib sfidi kbar u l-probabilità ta' kompetizzjoni inġusta. Imbagħad hemm l-element ġeo-politiku u s-sanzjonijiet li wkoll iġibu magħhom sfidi kbar għal pajjiżna.

l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali għandha rwol importanti għax xogħolha hu li tara li l-obbligazzjonijiet jimxu fuq livell globali bħal pereżempju dak tad-dikarbonizzazzjoni. Għandha wkoll tara u tħares l-interessi tal-baħħara fit-tranżizzjoni diġitali filwaqt li tevita aċċidenti ta' tniġġiż fl-ibħra tagħna billi tirregola iżda wkoll tħares li jiġu osservati dawk ir-regolamenti internazzjonali.

6. U f'dan l-ambitu, kif taħseb li se jkompli jevolvi dan is-settur fiż-żmien li ġej?

   Madwar tmenin fil-mija tal-affarijiet li jiġu esportati u importati bejn il-pajjiżi jiddependu fuq l-industrija marittima għax il-vjaġġ isir bil-bastimenti merkantili. Dan biex ma nsemmix l-ivjaġġar tan-nies permezz tal-baħar. Hu evidenti li dan il-mezz ta' trasport għadu l-iktar wieħed popolari għax hu relattivament irħis u li tista' sserraħ fuqu. Biljuni ta' tunnellati ta' merċa jiġu trasportati u għaż-żmien li ġej dan se jkompli jiżdied.

   Id-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni u d-dikarbonizzazzjoni tal-industrija, preżentament fl-infanzja tagħhom, se jkomplu u se jġibu bidliet kbar u li kulħadd irid jadatta għalihom. U f'dan il-mument li jeħtieg inkunu preparati biex inkunu fost dawk il-pajjiżi li jirkbu il-mewġa u mhux jinżlu fl-abbissi għax ma jkunux preparati u ħadu l-azzjonijiet li ħa ħaddieħor.

   Ovvjament ir-rwol tagħna mhuwiex li nbaxxu rasna u naċċettaw kollox iżda li naraw li l-bidliet jagħmlu sens għalina u fejn hu possibbli nfehmu ċertu riperkussjonijiet fuq pajjiżi gżejjer li huma insulari.

7. Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

   Servejt fil-kumitat Parlamentari għall-Affarijiet Ewropej u Barranin u bħala Kap tad-Delegazzjoni Maltija fil-Assemblea Parlamentari tal-Mediterran.

8. Hemm xi karigi oħra li beħsiebek iżżomm jekk kemm-il darba tkun maħtur bħala Ambaxxatur mhux Residenti għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali?

   Ġaladarba r-rwol hu wieħed ta' Ambaxxatur mhux residenti, se nkun qed inkompli nservi fir-rwol attwali tiegħi preżenti bħala Membru Parlamentari.

9. Tista' tindika lill-Kumitat jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali, u jekk iva dawn jistgħu joħolqu xi kunflitt ta' interess f'każ li int tiġi maħtur bħala Ambaxxatur mhux Residenti għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali?

M'għandi ebda attivitajiet kummerċjali li huma ta' kunflitt ma' din il-pożizzjoni. Se nara li dan jibqa' jiġi osservat.

10. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat u/jew laqgħat fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u fiex kienu jikkonsistu?

    Iva. Fl-aħħar sentejn kelli l-opportunità li naħdem direttament ma' din l-istituzzjoni u fuq kollox mas-Segretarju Ġenerali Kitak Lim. Riċentament ġie elett Segretarju Ġenerali ġdid li diġà sirt nafu iżda nemmen li r-relazzjoni ta' Malta miegħu trid tinbena fuq l-istess binarji li nbniet mal-predeċessur tiegħu.

    Attendejt u pparteċipajt f'numru ta' konferenzi fejn iltqajt ma' rappreżentanti oħra tal-IMO u għaldaqstant diġà għandi konoxxenza tan-nies u tal-istituzzjoni.

    F'Diċembru li għadda kelli l-opportunitajiet li mmexxi d-delegazzjoni Maltija fl-Assemblea u li fiha Malta b'suċċess reġgħet ġiet eletta bl-ikbar ammont ta' voti fl-istorja ta' pajjiżna.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali?

   Ir-rwol ta Ambaxxatur hu li jirrappreżenta u jwassal il-pożizzjoni ta' pajjiżu fil-pajjiż li qiegħed iservi fih u viċi versa, jiġifieri li jwassal lil pajjiżu aħbarijiet u informazzjoni minn fejn qed iservi. F'dan il-każ qed nitkellmu dwar Istituzzjoni Internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti li tinsab f'Londra u li għandha rwol speċifiku li tissalvagwardja l-ibħra mit-tniġġiż u fuq kollox li tħares is-sigurtà tal-industrija marittima fosthom vapuri u bċejjeċ tal-baħar.

   Għaldaqstant ir-rwol tiegħi se jkun li nwassal il-pożizzjoni Maltija fil fora u fil-laqgħat tal-IMO u jkolli relazzjoni b'saħħitha mat-tmexxija iżda wkoll ir-rappreżentanti ta' pajjiżi oħra.

   Malta għandha rwol b'saħħtu ħafna fid-dawl tal-popolarità tar-reġistru u l-bandiera Maltija u għaldaqstant il-ħidma hi importanti ħafna.

2. Fid-dawl tar-rwol importanti li għandu l-Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali tista' tindika x'passi beħsiebek tieħu sabiex dan ikompli jissaħħaħ fis-snin li ġejjin?

   Il-fatt li r-rwol hu wieħed mhux residenti jfisser li se jkolli l-opportunità nkun iktar viċin l-industrija Maltija bħall-Malta Maritime Forum, il-Malta Maritime Law Institute, l-International Maritime Law Institute, REMPEC u oħrajn.

   Dan, flimkien ma' laqgħat kostanti mal-kelliema għall-Marittimu kemm għall-Gvern u kemm għall-Oppożizzjoni se jgħin biex inżomm lil kulħadd aġġornat b'dak kollu li qed jiġi diskuss u preparat iżda nista' nifhem aħjar il-bżonnijiet u d-direzzjoni ta' pajjiżna.

Għaldaqstant il-laqgħat barra minn Malta ġewwa Londra se jiġu kkumplimentati ma' dawk li se norganizza b'mod regolari f'Malta.

3. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan il-korp diplomatiku? Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

   Bħala Ministru responsabbli minn tlett portafolji differenti kelli l-opportunità naħdem fuq livell ta' Kunsill tal-Ministri u mal-Kummissjoni Ewropea. Bl-istess mod ħdimt ma' ħafna ma' ambaxxati Maltin kif ukoll ambaxxati barranin.

   Il-laqgħat tiegħi mal-ambaxxaturi barranin f'Malta kien wieħed kostanti matul l-aħħar snin. Għal żmien partikolari bejn l-2008 u l-2013 servejt bħala konsulent politiku tal-Membri Maltin fil-Kumitat tar-Reġjuni. Kien matul dan iż-żmien li kelli kuntatt kuljum mar-Rappreżentanza Permanenti ġewwa Brussell.

4. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

   Iva. Bħala Ministru għall-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima, kont parti minn team li nnegozja l-pożizzjoni ta' Malta f'COP26 u fuq livell Ewropew, il-pożizzjoni ta' Malta fil-Fit for 55 Package. Dan flimkien ma trattati li pajjiżna kellu bżonn jirratifika minn żmien għal żmien.

   Apparti hekk, kont ukoll membru f'team ta' nies li nnegozjaw il-pakkett ta' fondi li Malta kellha tieħu bejn l-2021 u l-2027, jiġifieri il Multi Annual Financial Framework preżenti.

5. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali?

   M'għandi ebda attivitajiet kummerċjali li huma ta' kunflitt ma din il-pożizzjoni. Se nara li dan jibqa' jiġi osservat.

6. Tista' tispjega xi ftehim għandek mal-Prim Ministru u/jew mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin, Ewropej u Kummerċ dwar il-ħatra tiegħek bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u dwar is-siġġu parlamentari li tokkupa?

   Ġaladarba ir-rwol hu wieħed ta' Ambaxxatur mhux residenti, se nkun qed inkompli nservi fir-rwol attwali tiegħi preżenti bħala Membru Parlamentari.

7. Tista' tispjega kif inhi aċċettabbli n-nomina tiegħek sabiex isservi bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali fid-dawl tal-fatt li ftit tal-ġimgħat ilu biss l-Prim Ministru Robert Abela neħħiek minn Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali?

   Hi prerogattiva tal-Prim Ministru li jagħżel il-membri tal-Eżekuttiv minn fost il-Membri Parlamentari. Dejjem servejt kull darba li intlabt nagħmel dan inkluż fit-tlett portfolji li mexxejt fl-aħħar snin. Din id-darba ntlabt inservi f'din il-pożizzjoni u

aċċettajt anke fid-dawl li rappreżentati tal-industrija urew l-appoġġ tagħhom fil-pubbliku għal din il-ħatra.